MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 155/2004/1

**Silvio Vella f'ismu proprio u bhala Direttur**
**tal-kumpanija Michael Vella and Sons Limited**

**v.**

**Alfred u Georgina konjugi Theuma u Mahmoud Al Atijat**
**u martu Doreen Cassar**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni li pprezentaw l-atturi fl-1 ta' Marzu 2004 li taqra hekk:

“Peress illi l-attur proprio et nomine kien ta kuntratt ta' appalt lill-konvenut, Alfred Theuma, liema kuntratt ta 'appalt kien jikkonsisti fit-qieghed ta' mija u seba u sebghin metru kwadru (177m2) madum tal-art tal-mahzen bin-numru mija u hamsa (105), Xatt l-Ghassara tal-Gheneb, Marsa, Malta. Fl-istess kuntratt ta' appalt kien hemm inkluz li jitpogga l-madum ta' zewg toilets u kamra bis-shower u dana bil-prezz ta' elf mija u hamsin lira (LM1150 ) inkluza fl-ammont it-taxxa tal-VAT;

“Peress illi minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta` tal-partijiet, dan il-kuntratt ta' appalt kellu jigi tterminat meta kien ghad baqa'. jitwahhal cirka ta' tletin metru (30m) madum tal-art kif ukoll kien ghad baqa' jitwahhal il-madum tal-kamra tat-toilet u tal-kamra tas-shower u ta' dana x-xoghol il-konvenut thallas is-somma ta' sitt mitt lira (LM600);

“Peress illi sussegwentament l-attur proprio et nomine qabbad lill-konvenut l-iehor, Mahmoud Ahijat biex ikompli dana l-kuntratt ta' appalt u ta' dana ix-xoghol l-istess konvenut Mahmoud Ahijat thallas is-somma ta' disa mija u hamsin lira (LM950);

“Peress illi sussegwentament irrizulta li x-xoghol ma giex esegwit skont l-arti u s-sengha u dana peress illi l-appaltaturi ma ipprestawx opera soddisfacenti, tant li parti sostanzjali mill-madum tal-art , specjalment fil-parti ta' quddiem tal-imsemmi mahzen inkissret;

“Peress illi, kif jirrizulta mill-anness certifikat peritali (Dokument "A"), ir-raguni ta' dana hija minhabba l-fatt illi l-madum tal-art tqieghed fuq sodda ta' materjal maghmula primarjament minn zrar u ramel, liema sodda ma kienitx soda bizzejjed biex tiflah l-istrapazz ta' dan il-fond;

“Peress illi konsegwenza ta' dana, parti sostanzjali mill-istess madum inkisser u ghaldaqstant l-art kollha tal-istess mahzen trid tigi sostitwita;

“Peress illi l-attur proprio et nomine qieghed isofri danni konsiderevoli minhabba l-fatt illi kagun tal-istess hsara, huwa proprio et nomine ma jistax jutilizza l-istess mahzen sabiex jesponi ghal bejgh il-prodotti tieghu, kif jigi pruvat dettaljatament waqt is-smiegh tal-istess kawza;

“Peress illi ghalhekk l-istess konvenuti huma responsabbli ghal hsarat ikkagunati lill-attur proprio et nomine;

“Jghidu l-istess konvenuti ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:
“(1) Tiddikjara illi l-appaltaturi jew min minhom ma ipprestawx opera soddisfacenti meta esegwew dan ix-xoghol hawn fuq deskritt ;
“(2) Konsegwentament tiddikjarhom responsabbli ghall-hsara kollha sofferti mill-istess attur proprio et nomine minhabba x-xoghol hazin minhom jew min minnhom esegwit, liema hsarat jikkonsistu mhux biss fil-qlugh tal-madum u s-sostituzzjoni u t-twahhil tieghu mill-gdid imma wkoll fl-ispejjez ghax-xiri ta' madum iehor;

“(3) Tiddikjara wkoll illi l-istess konvenuti jew min minnhom huma responsabbli wkoll ghad-danni kollha konsegwenzjali konsistenti f’telf ta' qliegh u profitti, kif jigi wkoll pruvat dettaljatament waqt is-smiegh tal-istess kawza;

“(4) Tillikwida l-istess hsarat u danni u dana b'opera ta' perit arkitett li jigi nominat ghal istess fini;

1.
“(5) Tikkundanna lill-istess konvenuti jew min minnhom li jhallsu lill-attur proprio et nomine id-danni kollha hekk sofferti u likwidati

“Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta' April 2003 u bl-ingunzjoni tal-istess konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha min issa huma imharrka.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Alfred Theuma li in forza taghha eccepixxa illi:
“1. Preliminarjament il-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna fil-konfront tal-eccippjent ai termini tal-artikolu 2153 Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta Malta;
“2. Illi fit-tieni lok u minnghajr pregudizzju ghal premess jigi rilevat inoltre li l-azzjoni odjerna ma hiex proponibbli kontra l-istess eccippjent in vista tal-fatt li l-attur baqa qatt ma hallsu tax-xoghol debitament esekwit minnu fuq inkariku tal-istess attur;
“3. Illi fit-tielet lok u fil-meritu jigi eccepit inoltre li t-talbiet tal-atturi fil-konfront tal-odjern eccippjent ghandhom jigu

respinti stante li ghandhom jirrizultaw infondati kemm fattwalment u kif ukoll legalment u dana ai terminu tal-principju legali li persuna ghandha biss twiegeb ghal dawk id-danni kagonati biss minn tortijiet u nuqqasijiet imputabbli ghaliha bl-aktar mod esklussiv u assolut kif dal resto stipulat fl-artikolu 1031 Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta Malta;

“4. Illi jigi eccepit inoltre li l-konvenut esponent ma ghandux jigi tenut legalment u fattwalment responsabbli ghall-allegati danni peress illi l-atturi kienu dahlu haddiema ohra fuq xogholl-eccippjent fl-istess fond in kwistjoni u ghalhekk l-eccippjent b'ebda mod ma jista jigi ritenut responsabbli ghal xoghol mahdmu minn terzi;

“5. Illi x-xoghol ta tqeghid tal-madum fuq il-parti ta quddiem fejn jinsab l-ilment principali tal-attur difatti ma giex mahdum mill-istess konvenut odjern u kwindi f'dan ir-rigward, huwa ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju u dana a bazi tal-artikolu 1031 hawn fuq precitat;

“6. Illi x-xoghol konsistenti fi tqeghid ta madum da parti tal-konvenut odjern fuq il-parti ta wara tal-mahzen in kwistjoni kien gie esekwit b'mod u manjiera skont l-istruzzjonijiet precizi moghtija lill-istess konvenut mill-attur pro et noe u dana ghar-riskju esklussiv tal-istess attur pro et noe liema responsabbilita kwindi ghandha tigi attribwita wkolllill-istess atturi in toto u/jew in parte kif kontemplat fl-artikolu 1051 kapitolu 16 tal-Ligijiet ta Malta;

“7. Illi fi kwalunkwe kaz jinghad li dak il-parti tax-xoghol mahdum mill-konvenut odjern kien gie esekwit skont kif titlob is-sengha u l-arti u b'materjal tajjeb;

“8. Illi fi kwlaunkwe kaz, l-hsara kaqonata fil-madum mahdum mill-konvenut, jekk hemm, issucceda mhux minnhabba nuqqasijiet imputabbli lill-istess konvenut izda per konsegwenza ta fatturi u cirkostanzi li ma kellux kontroll fuqhom u kif ukoll minnhabba negligenza adoperata mill-atturi stess fl-uzu tal-fond tagghom fliema kaz huma applikabbli l-artikoli 1029 u 1051 Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta Malta;

“9. Illi jigi eccepit in oltre li l-konvenut qed jikkontesta wkoll stante li nveritjier kemm fattwalment u kif ukoll legalment it-talbiet tal-atturi ghal fejn jirrigwardaw dikjarazzjoni, likwidazzjoni u hlas ta danni sew dawk ta natura materjali u kif ukoll dawk ta natura konsegwenzjali

liema talbiet ghalhekk ghandhom ilkoll jigu respinti fil-konfront tal-odjern konvenut kemm ghal dak li jirrigwarda responsabbilita u kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-quantum pretiz;
“10. B'riserva li jigu prezentati eccezzjonijiet ulterjuri jekk jinqala’ l-kaz.
“BI-ispejjez kontra l-att r pno et noe minn issa ngunt ghas-subizzjoni.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta’ Lulju, 2009, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li gej:
“Il-Qorti għalhekk taqta’ l-kawża billi tgħid illi l-konvenuti ma wettqux sew l-appalt lilhom mogħti mill-atturi u għandhom iwieġbu għad-danni li ġarrbu l-atturi minħabba f’hekk: il-konvenut Theuma fis-sehem ta’ sebgħin fil-mija (70%) u l-konvenut Mahmood Al Atijat fis-sehem ta’ sitta fil-mija (6%); tillikwida d-danni li għalihom għandhom jagħmlu tajjeb il-konvenuti Theuma fis-somma ta’ tmint elef, ħames mija u ħamsa u għoxrin euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€8,525.81), u tikkundanna lil dawn il-konvenuti jħallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati; tillikwida d-danni li għalihom għandhom jagħmlu tajjeb il-konvenuti Mahmood Al Atijat u Doreen Cassar fis-somma ta’ seba’ mija u ħamsin euro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€750.76), u tikkundanna lil dawn il-konvenuti jħallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati.

“L-ispejjeż jinqasmu hekk: il-konvenuti Theuma jħallsu sebgħin fil-mija (70%), il-konvenuti Mahmood Al Atijat u Doreen Cassar iħallsu sitta fil-mija (6%), u l-atturi jħallsu l-erbgħa u għoxrin fil-mija (24%) li jifdal.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Il-fatti relevanti seħħew hekk:

“L-attur kellu maħżen li fih ried iżomm merkanzija li kienet tinġarr fil-maħżen b’*forklifter*. Ried li jitqiegħed madum tal-art li jiflaħ għal dan l-użu u, wara li l-konvenut Alfred Theuma wrieh *garage* ta’ terzi f’Ħal Qormi fejn kien

qiegħed il-madum Theuma stess, l-attur ftiehem ma' Theuma li dan kellu jqegħedlu l-madum bħal ma kien għamel fil-*garage* ta' Ħal Qormi. Meta Theuma kien lesta bejn wieħed u ieħor sebgħin fil-mija (70%) tax-xogħol, lill-attur bdew jiġuh xi dubji dwaru u għalhekk beda jfittex li x-xogħol ikomplih ħaddieħor. Fil-fatt qabbad lill-konvenut Mahmood Al Atijat, u dan, flimkien ma' xi nies tiegħu, lesta l-bqija tax-xogħol.

"Meta t-tqegħid tal-madum tlesta u bdiet tinġarr il-merkanzija tan-negozju tal-atturi fuq *forklifter*, il-madum beda jfaqqa' u jixxaqqaq. Ir-raġunijiet għal dan huma kif ingħad fuq, skont kif imfisser mill-perit tekniku maħtur mill-qorti.

"Billi, fil-fehma tal-qorti, igħoddu konsiderazzjonijiet differenti dwar ir-responsabbiltà tal-konvenut Alfred Theuma u dik tal-konvenut Mahmood Al Atijat, jeħtieġ illi nqisu ż-żewġ każijiet wieħed wieħed.

"Ladarba Theuma kien il-kuntrattur u għalhekk għandu jitqies li jifhem fix-xogħol tiegħu, u kien jaf – għax wera lill-attur il-*garage* f'Ħal Qormi – l-użu maħsub għall-maħżen, kien imissu mill-ewwel għarraf lill-attur illi s-sodda ma kinitx tajba, illi l-madum magħżul ma jiflaħx għal użu industrijali, u illi xogħol sew ma setax isir bir-rati miftiehma. Jekk l-attur ried jiffranka l-flus, kien dmir ta' Theuma li jgħarrfu – għax huwa l-kuntrattur, mhux is-sid, li jifhem fix-xogħol – li b'dawk il-prezzijiet u b'dak il-materjal ma setax isir xogħol sew. Theuma dan ma għamlux; l-attur qagħad fuqu li sejjer jagħmel xogħol sew, u għalhekk Theuma għandu jwieġeb għad-danni li ġarrab l-attur minħabba xogħol ħażin.

"Fil-każ ta' Mahmood Al Atijat is-sitwazzjoni hija xi ftit differenti. Għalkemm huwa minnu illi l-attur xehed li lil dan ukoll għarrfu illi l-maħżen riedu għal xogħol industrijali u biex jiflaħ piżijiet, huwa minnu wkoll illi dan il-konvenut sab biċċa sew mix-xogħol ġà lesta, ma kellux għax jaħseb li ma saritx sew, u għalhekk kompla bl-istess materjal u fuq l-istess sodda. Madankollu, billi, fil-fehma tal-perit tekniku, il-kwalità tax-xogħol li sar minn dan il-konvenut u mill-

ħaddiema tiegħu kienet fqira ħafna, huwa xieraq li dan ukoll jerfa' sehem mir-responsabbiltà. Meta tqis illi l-biċċa l-kbira tal-ħsara ġrat minħabba l-kwalità tal-madum u tas-sodda, aktar milli minħabba l-kwalità tax-xogħol, il-qorti taqbal mal-perit tekniku illi l-konvenut Mahmood Al Atijat għandu jwieġeb għal għoxrin fil-mija (20%) mill-ħsara fil-parti tal-art fejn qiegħed il-madum hu jew il-ħaddiema tiegħu.

"Mela l-konvenut Theuma jwieġeb għal sebgħin fil-mija (70%) tad-danni u l-konvenut Mahmood Al Atijat iwieġeb għal għoxrin fil-mija (20%) ta' tletin fil-mija (30%), jew sitta fil-mija (6%).

"Ngħaddu issa għal-likwidazzjoni tad-danni.

"Il-qorti taqbel mal-perit tekniku illi l-konvenuti għandhom iħallsu biex jitneħħa l-madum li qiegħdu huma. Taqbel ukoll illi ma għandhomx iħallsu għat-tqegħid ta' sodda tal-konkos għax din hija nefqa li kellha ssir ukoll li kieku x-xogħol sar sew mill-ewwel. Għall-istess raġuni ma taqbilx illi l-konvenuti għandhom iħallsu biex jinxtara u jitqiegħed madum ġdid; għandhom iżda jħallsu tal-madum li tqiegħed ħażin u jroddu dak li tħallsu għat-tqegħid.

"Id-danni mela jiġu likwidati hekk:

- "qlugħ tal-madum u tat-torba[1]: Lm 680.00
- "prezz tal-madum li tqiegħed ħażin[2]: Lm 691.61

"B'kollox: Lm1,371.61

"Sehem il-konvenut Theuma (70%) jiġi disa' mija u sittin lira u tlittax-il ċenteżmu (Lm960.13) waqt li sehem il-konvenut Mahmood Al Atijat (6%) jiġi tnejn u tmenin lira u tletin ċenteżmu (Lm82.30).

"Il-konvenut Theuma għandu jrodd ukoll il-ħlas kollu li rċieva – sitt mitt lira (Lm600) – biex hekk b'kollox għandu

[1] *Fol.* 170.
[2] Dok. SV8, *foll.* 28 *et seqq.*

jagħti elf, ħames mija u sittin lira u tlittax-il ċenteżmu (Lm1,560.13) waqt illi l-konvenut Mahmood Al Atijat għandu jrodd għoxrin fil-mija (20%) tal-ħlas li rċieva; 20% ta' disa' mija u ħamsin lira (Lm950) jiġi mija u disgħin lira (Lm190) biex b'kollox dan il-konvenut għandu jagħti mitejn u tnejn u sebgħin lira u tletin ċenteżmu (Lm272.30).

"L-attur *proprio et nomine* qiegħed jippretendi wkoll danni minħabba telf ta' qligħ għax ma setax jinqeda bil-maħżen għax-xogħol tiegħu. L-attur jikkalkola li tilef qligħ ta' sittax-il elf u tlieta u disgħin lira (Lm16,093). Din l-istima hija maħduma fuq id-differenza bejn id-dħul li kellu f'sena waħda u *projection* ta' dħul għall-istess sena.

"Il-qorti ma tarax illi dan huwa kalkolu affidabbli għax ma huma mfissra b'ebda mod il-fatturi u assunzjonijiet li tqiesu għall-għanijiet tal-istima. Fiċ-ċirkostanzi, l-istima tat-telf ta' qligħ tista ssir biss *arbitrio boni viri* u l-qorti tillikwida dan it-telf fis-somma ta' tlitt elef lira (Lm3,000).

"Il-konvenut Theuma għandu jagħmel tajjeb għal sebgħin fil-mija (70%), jew elfejn u mitejn lira (Lm2,100); b'kollox id-danni li għandu jwieġeb għalihom Theuma jiġu tlitt elef, sitt mija u sittin lira u tlittax-il ċenteżmu (Lm3,660.13), daqs tmint elef, ħames mija u ħamsa u għoxrin euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€8,525.81).

"Il-konvenut Mahmood Al Atijat għandu jagħmel tajjeb għal sitta fil-mija (6%), jew ħamsin lira (Lm50); b'kollox id-danni li għandu jwieġeb għalihom Mahmood Al Atijat jiġu tliet mija u tnejn u għoxrin lira u tletin ċenteżmu (Lm322.30), daqs seba' mija u ħamsin euro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€750.76)."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi jitlob bir-rispett li s-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Lulju 2009, fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi tigi revokata u mhassra ghal kollox fejn tirrigwarda l-konvenut Theuma fis-sens li qabel xejn ghandha tilqa' l-ewwel aggravju sollevat mill-konvenut Theuma u kwindi jew tirrinvijja l-atti lura lill-ewwel Qorti jew tordna l-issoktar tas-smiegh tal-provi

quddiem l-istess Qorti tal-Appell u fit-tieni lok fil-meritu u minghajr il-pregudizzju ghall-ewwel aggravju, ghandha tilqa' l-eccezzjonijiet numri 2 sa 9 sollevati mill-istess konvenut Theuma u konsegwentement tichad it-talbiet tal-atturi fil-konfront tal-istess appellanti Theuma, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi.

Rat ir-risposta tal-appell ta' Silvio Vella proprio et nomine u l-appell incidentali li permezz taghhom jitlob bir-rispett lil din il-Qorti

“Ghaldaqstant, l-esponenti filwaqt li jaghmel riferenza ghall-provi kollha prodotti u ghal dawk producibbli f'dan l-istadju, jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad l-appell principali tal-konvenut appellanti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu u tilqa' dan l-appell incidentali u konsegwentament tibdel, tvarja u tirriforma s-sentenza appellata tat-3 ta' Lulju, 2009 fl-ismijiet "Silvio Vella f'ismu *proprio* u bhala direttur tal-kumpannija Michael Vella and Sons Limited v. Alfred u Georgina konjugi Theuma u Mahmood Al Atijat u martu Doreen Cassar" billi filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu iddikkjarat illi l-konvenuti ma wettqux sew l-appalt lilhom moghti mill-atturi u illi ghandhom iwiegbu ghad-danni li garrbu l-atturi minhabba f'hekk,

“1. thassarha u tirrevokha in kwantu ddikjarat lill-konvenut Alfred Theuma responsabbli fis-sehem ta' sebghin fil-mija (70%) u l-konvenut Mahmood Al Atijat fis-sehem ta' sitta fil-mija (6%) u minflok tiddeciedi illi l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-esponenti inkluzi l-ispejjez illi ghandhom isiru ghall-qlugh tal-madum hazin, il-prezz tal-madum li tqieghed hazin, il-prezz tar-rimi tal-istess madum u torba, l-ispejjez kollha involuti fix-xiri u tqeghid ta' madum gdid u r-radd lura tal-Was moghti lill-konvenuti fl-intier tieghu kif ukoll danni illi jirriflettu rejalistikament it-telf ta' profitt derivanti mit-telf ta' uzu *tax-showroom* tal-esponenti ghal numru ta' snin, oltre ukoll, ghat-telf ta' uzu tal-istess *showroom* waqt 1i jkunu qeghdin isiru x-xogholijiet mill-gdid; u

“2. thassarha u tirrevokaha in kwantu llikwidat id-danni kif jinghad fl-istess sentenza u minflok tillikwida danni f'ammont verjuri kif dettaljat hawn fuq u konsegwentament tikkundanna lill-konvenuti jhallsu dawn id-danni: u

“3. thassarha u tirrevokaha in kwantu ddecidiet illi l-ispejjez gudizzjarji jinqasmu hekk: il-konvenuti Theuma jhallsu sebghin fil-mija (70%); il-konvenuti Mahmood Al Atijat u Doreen Cassar ihallsu sitta fil-mija (6%), u l-atturi jhallsu l-erbgha u ghoxrin fil-mija (24%) li jifdal u minflok tikkundanna Iill-konvenuti jhallsu l-ispejjez kollha tal-kawza:

“Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti kollha.”

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

L-aggravji fl-appell principali tal-konvenuti appellanti huma (a) fl-ewwel lok l-ewwel Qorti ma tatx opportunita` lill-konvenut appellanti jressaq il-provi tieghu u dan ghar-ragunijiet indikati fir-rikors tal-appell taht l-ittra “A” li ghalih qed issir riferenza f’din id-decizjoni; (b) fuq il-mertu qed jinghad li t-tielet, il-hames, is-sitt u t-tmien eccezzjoni kellhom jigu milqugha u dan ghaliex il-konvenut appellanti ma kienx ghamel huwa s-sodda ta’ taht il-madum, il-hsara grat ukoll minhabba li l-madum uzat maghzul mis-sid ma kienx addatat ghal fejn kien ser jitwahhal; u li x-xoghol tkompla minn terza persuna li ghamlet xoghol ta’ kwalita` fqira hafna; (c) dwar l-ammont ta’ danni ghalkemm il-Qorti ma qaghditx fuq l-ammont likwidat mill-perit tekniku xorta wahda l-ammont ta’ danni likwidat huwa eccessiv ghaliex l-ikbar hsara kienet fuq il-parti ta’ barra fejn hadem il-konvenut l-iehor u dan apparti li l-ammont inhadem mill-ewwel Qorti fuq kalkolazzjoni *arbitrio boni viri* u ma

hemmx indikat kif il-Qorti waslet ghall-ammont li attwalment likwidat.

Peress li skont il-verbal datat 29 ta’ Mejju 2012 il-Qorti kkonstatat li ma sarx id-depozitu tal-kawtela skont il-ligi l-istess appell gie ddikjarat dezert.

Dwar l-appell incidentali l-aggravji huma (a) li l-konvenuti kellhom jinzammu responsabbli ghal-hsarat kollha kkagunati bix-xoghol hazin taghhom u mhux biss ghal 76% tal-istess; (b) dwar l-ammont ta’ danni, il-konvenuti kellhom jigu ritenuri li ghandhom ihallsu mhux biss sabiex jitnehha l-madum li huma qeghdu, ihallsu tal-madum li tqieghed hazin kif irriteniet l-ewwel Qorti, izda wkoll tal-ammont tal-madum gdid, u l-konvenut Mahmood Al Atijat ghandu jhallas lura dak kollu li kien thallas mill-attur. Jghid ukoll li ghandu jithallas ghat-telf ta’ uzu tas-*showroom* u ghal dan ghandu jigi likwidat l-ammont ta’ Lm16,093 u mhux l-ammont ta’ Lm3,000 li waslet ghalih l-ewwel Qorti *arbitrio boni viri;* (c) dwar il-kap tal-ispejjez l-attur appellat jikkontendi li huwa ma ghandux jigi akkollat 24% tal-ispejjez gudizzjarji.

Dwar l-ewwel aggravju din il-Qorti thoss li l-aggravju huwa ben fondat ghaliex jirrizulta li z-zewg konvenuti ghamlu xoghol hazin u mhux skont is-sengha u l-arti, kemm f’dik li hija kwalita` ta’ xoghol minnhom esegwit u kif ukoll ghaliex kien obbligu taghhom li jaraw li kien hemm sodda tal-konkos sewwa sabiex isir ix-xoghol ta’ twahhil ta’ madum, ghaliex altrimenti x-xoghol kien ser jirrizulta, kif irrizulta mhux skont is-sengha u l-arti.

Fil-fatt gie ritenut gudizzjarjament li l-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett tal-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina (Kollez. **Vol XXXVII pIII p883).** F’kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu ’l quddiem **(Mario Blackman v. Carmelo Farrugia et noe** (A.K. - 27 ta’ Marzu 1972).

Dan hu hekk avolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (Kollez. **Vol XLI pI p667)** jew l-appaltatur ikun mexa skont l-i*specifications* jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent. Inghad li *"e` dovere dell'appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrarii alle buone regole dell'arte"* (Kollez **Vol XXV pI p727).**

B'hekk *"l-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lill-appaltant opra sodisfacenti, u ma jistax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax hu ghamlu kif ried il-kommittent, billi l-appaltatur hu obbligat jirrezisti ghal kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent"* (Kollez. **Vol XLII pII p1003).** Dan gie kkonfermat fis-sentenzi **Pierre Darmanin v. Moira Agius et** (A.I.C. – 6 ta' Ottubru 2004); **Paul Fenech v. Joseph Camilleri et** (A.I.C. – 21 ta' Frar 2012) u **Valletta Aluminium Wrought Iron Work Limited v. Carmen Grech** (P.A. (JRM) – 17 ta' Gunju 2010). Jinghad ukoll li *"l-appaltatur irid iwettaq dak li jitqabbad jaghmel sknd l-ahjar sengha u hila tieghu biex jaghti xoghol tajjeb u fejjiedi lil min ikun qabbdu (***Tal-Franciz Construction Limited et v. Anglu Zarb** *– A.I.C. (PS) – 15 ta' Lulju 2007). B'mod partikolari, l-appaltatur ma jistax iressaq 'il quddiem id-difiza li x-xoghol ma sarx tajjeb ghaliex sar kif riedu l-kommittent, ghaliex l-appaltatur irid jirrezisti kull intromissjoni tal-kommittent minhabba dak l-indhil jew insistenza x-xoghol ma jkunx se' jsir skont ma jitolbu s-sengha u l-arti....Illi lanqas ma jiswa l-argument tal-appaltatur li x-xoghol moghti lill-kommittent ikun approvat minn dan tal-ahhar u li ma kienx ressaq ilmenti jew li, sahansitra, ikun rega' qabbdu jaghmillu x-xoghol iehor. Dan jinghad ghaliex il-fatt li jsir il-hlas jew hlas akkont jew li x-xoghlijiet ikunu gew approvati mill-kommittent m'humiex tarka li warajha l-appaltatur jista' dejjem u f'kull kaz jistkenn mix-xilja tat-twettiq hazin ta' appalt"*

B'hekk l-ewwel aggravju qed jigi milqugh, ghaliex kif jidher car mis-sentenzi fuq citati, huwa l-appaltatur li huwa responsabbli ghax-xoghlijiet li huwa jaghmel, anke jekk dawn saru taht l-istruzzjonijiet tal-appaltant u dan huwa hekk ghaliex huwa l-appaltatur li huwa l-bniedem tas-

sengha li ghandu jiggwida lill-appaltant kif ghandhom isiru x-xoghlijiet. Jigifieri jekk f'dan il-kaz kien hemm bzonn li ssir sodda tal-konkos sew qabel ma jitqieghed il-madum – dan kellu jigi konsiljat mill-appaltaturi.

It-tieni aggravju huwa dwar l-ammont ta' danni likwidati u la darba mill-gurisprudenza kkwotata jidher car li meta l-appaltatur huwa responsabbli ghal xoghol li sar mhux skont is-sengha u l-arti, huwa ghandu jinzamm responsabbli ghad-danni kollha kkawzati.

Fil-kuntest tal-kawza odjerna dan ifisser li din il-parti tat-tieni aggravju ghandha tigi milqugha fis-sens li l-konvenuti ghandhom ihallsu mhux biss sabiex jitnehha l-madum, u l-ispejjez tal-madum li tqieghed hazin u l-appellant irodd lura dak li thallas ghal tqeghid ta' dan il-madum, izda ghandu jsir il-hlas tal-madum gdid u ghal tqeghid tal-istess.

Dwar it-tieni parti tat-tieni aggravju la darba jirrizulta li x-xoghol esegwit mill-konvenut Mahmood Al Atijat jirrizulta li sar hazin ukoll tant li gie deskritt ta' kwalita` fqira mela huwa wkoll ghandu jhallas lura dak kollu li kien thallas mill-attur.

It-tielet parti tal-aggravju tal-attur jirrigwarda li l-attur talab ukoll ghal danni kkagunati mit-telf ta' uzu ta' din is-*showroom*. Jirrizulta li l-ewwel Qorti ma strahitx fuq il-kalkolu li ghamel l-attur ta' Lm16,093, izda llikwidat *arbitrio boni viri* l-ammont ta' Lm 3,000;

Rigward dan, l-ewwel Qorti qalet li dan mhuwiex kalkolu affidabbli ghaliex ma huma mfissra bl'ebda mod il-fatturi u assunzjonijiet li tqiesu ghall-ghanijiet tal-istima u ghalhekk illikwidat *arbitirio boni viri* Lm3,000.

Jirrizulta li l-ammont reklamat mill-attur huwa skont stima li qeghda a fol. 41 tal-process u giet spjegata mix-xhud Fredrick Clark, *accountant*, fis-seduta tad-29 ta' Frar 2008. Huwa spjega li f'dik l-istima hemm dak li attwalment kien telf fis-sena 2003 u progezzjoni tat-telf tas-sena 2004 izda dawn huma bbazati fuq l-assunzjoni li

l-mahzen ma setax jintuza kollu u kkalkula li l-bejgh kien ikun tlieta jew erba’ darbiet iktar ghaliex kien ikollu spazju ikbar sabiex jesebixxi jew jesponi ghall begh iktar prodotti.

Din il-Qorti thoss li effettivament ghal dik is-sena indikata kien hemm telf izda dak it-telf progettat la huwa wiehed reali u attwali u lanqas previdibbli. F’dan il-kuntest din il-Qorti thoss li dak ritenut mill-ewwel Qorti li dan il-mod ta’ kalkolu ta’ danni ma huwiex affidabbli huwa korrett u ghalhekk f’dan il-kuntest kellha timxi mal-kuncett ta’ arbitrio boni viri. Hawn u fuq dan il-punt din il-Qorti thoss li ma ghandhiex tiddisturba l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti.

Fid-dawl ta’ dan kollu dan iwassal sabiex il-konvenut Alfred Theuma jinzamm responsabbli fil-grad ta’ 70% ghad-danni sofferti mill-attur u l-konvenut Mahmood Al Atijat jinzamm responsabbli fil-grad ta’ 30%, u dan inkluz l-ispejjez li ghandhom isiru ghall-qlugh tal-madum hazin, il-prezz tal-madum li tqieghed hazin, il-prezz tar-rimi tal-istess madum u t-torba, l-ispejjez sabiex jinxtara l-madum il-gdid u t-tqeghid tal-istess fl-ammont ta’ €7,272.30 (Lm3,122) skont ir-relazzjoni peritali.

Isegwi ghalhekk li l-konvenut Theuma ghandu jhallas min tali ammont ta’ danni l-ammont ta’ €5,090.61 mentri l-konvenut l-iehor ghandu jhallas lill-attur nomine €2,181.69.

Ma’ dan l-konvenut Theuma ghandu jhallas ukoll lura l-ammont ta’ €1,398 (Lm600) li huwa rcieva minghand l-attur u l-ammont ulterjuri ta’ €4,891.69 (li huma 70% tas-somma ta’ €6,988.12 (Lm3,000)) bhala s-sehem tieghu tat-telf ta’ qliegh soffert mill-attur. B’hekk il-konvenut Alfred Theuma ghandu jhallas b’kollox lill-attur appellat l-ammont ta’ €11,380.30.

Min-naha l-ohra l-konvenut l-iehor apparti s-somma ta’ €2,181.69 ghandu jhallas ukoll l-ammont ta’ €2,213.50 (Lm950) li huwa rcieva bhala hlas minghand l-attur, u s-somma ta’ €2,096.43 (Lm900 – li huma 30% tas-somma ta’ €6,988.12 (Lm3,000)) bhala s-sehem tieghu tat-telf ta’ qliegh soffert mill-attur. B’hekk il-konvenut Mahmood Al

Atijat ghandu jhallas b'kollox l-ammont ta' €6,491.62 lill-attur.

Fir-rigward it-tielet aggravju dwar il-kap tal-ispejjez din il-Qorti thoss li abbazi ta' dak kollu li inghad hawn fuq anke dan ghandu jigi milqugh ghaliex l-attur fil-kwalita` tieghu premessa ma ghandu jbati l-ebda spejjez.

B'hekk ghal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-appell incidentali u tvarja s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi fis-sens li tikkonfermaha fejn iddikjarat li l-konvenuti ghamlu xoghol mhux tajjeb u mhux skont is-sengha u l-arti u tiddikjara li ghandhom iwiegbu ghad-danni hekk ikkawzati minhabba x-xoghol hazin esegwit minnhom kif hawn deciz, izda tvarja l-istess f'dik li hija gradi ta' responsabbilita` li kull wiehed mill-konvenuti huwa responsabbli fil-konfront tal-attur fis-sens li l-konvenuti Theuma qed jigu ritenuti responsabbli fil-grad ta' 70% tad-danni sofferti mill-attur, inkluz telf ta' qligh, u l-konvenut Mahmood Al Atijat qed jigi mizmum responsabbli fil-grad ta' 30% tad-danni hekk sofferti, u b'hekk tillikwida l-istess danni fl-ammont hawn indikati u tikkundanna lill-konvenuti Theuma ihallsu lill-attur l-ammont ta' hdax il-elf, tlett mija u tmenin Ewro u tletin centezmu (€11,380.30) mentri tikkundanna lill-konvenut l-iehor ihallas lill-attur l-ammont ta' sitt elef, erba' mija u wiehed u disghin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€6,491.62).

Bl-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu kwantu ghal sebghin fil-mija (70%) mill-konvenuti Theuma u kwantu ghal tletin fil-mija (30%) mill-konvenut Mahmood Al Atijat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------